MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Talba Numru. 632/2007

**Il-Prim Imhallef Emeritus Profs Giuseppe Mifsud Bonnici I.D. Card No: 258332(M)**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta’ Awissu 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u erbgha u sebghin Euro u sebghin centezmu (€174.70) ekwivalenti ghal hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm75), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-interessi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-18 ta’ April 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ mija u erbgha u sebghin Euro u sebghin centezmu (€174.70), ekwivalenti ghal hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm75) bl-ispejjez kollha u bl-interessi kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------